MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014

Avviz Numru. 346/2013

**Frederick Andre Cauchi**

**Vs**

**Joseph Pace Vincenti**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett elef mija u ghoxrin Euro (€3120) li hija bilanc ta' somma akbar, u dan ai termini tal-iskrittura datata 3 ta' Jannar, 2011 quddiem in-Nutar Dr. Reuben Debono (Dok A).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 t'April, 2013 (Dok B) u bl-interessi minn Jannar 2012 minhabba li ma thallsux l-ekwivalenza ta' tliet pagamenti (Dok A) sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tad-19 ta' Novembru, 2014 il-konvenut, ghalkemm debitament notifikat, ma deherx u lanqas ipprezenta risposta.

Rat li fl-istess seduta gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2014, il-konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jidher, ghalhekk it-talba tal-attur ghandha titqies bhala mistqarra.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef mija u ghoxrin Euro (€3120), bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 t'April, 2013 u bl-interessi minn Jannar 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------